MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 722/2004

**Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.**

**vs.**

**L-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Settembru 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Lulju 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappreżentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta vs Dr.

Godfrey Gauci Maistre u P.L. Rose Sciberras bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Sableside Investments Limited" – (Citazzjoni numru 446/97 NC), l-Awtorita` Marittima ta' Malta giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti *nomine* fis-somma ta' Lm1,104.91, bl-imghax mit-30 ta' Gunju 1997, kif ukoll bl-ispejjez gudizzjarji skont kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn fuq riferita (dokument ittra "A");

Illi in segwitu ghal din is-sentenza l-Awtorita` Marittima ta' Malta talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta vs Dr. Godfrey Gauci Maistre u P.L. Rose Sciberras bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Sableside Investments Limited" liema mandat ta' qbid igib in-numru 1587/2003 LM, (dokument ittra "B") u dan il-mandat ta' qbid gie ezegwit mill-ufficjal tal-qorti Louis Muscat nhar l-24 ta' Settembru 2003 fejn l-istess ufficjal irrapporta lill-Qorti illi mill-vicinanzi ta' l-indirizz moghti Medserv Quay, Manoel Island qabad *boat* ta' kulur abjad u blu bil-qiegh ta' kulur ahmar li tinsab fuq l-art u li fiha zewg skrejjen, bl-isem ta' Rose Belle u kompluta l-gabina, skond kif jidher mir-riferta ta' l-eskuzzjoni (dokument ittra "C").

Illi segwenti ghall-ezekuzzjoni ta' tali mandat ta' qbid, cioe` nhar id-9 ta' Ottubru 2003, l-Awtorita` Marittima ta' Malta prezentat rikors fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta vs Dr. Godfrey Gauci Maistre u P.L. Rose Sciberras bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Sableside Investments Limited" li permezz tieghu talbet lill-Qorti tordna l-bejgh in subasta tal-*boat* indikata fir-referta tal-mandat ta' qbid 1587/2003 LM biex mir-rikavat ta' l-istess bejgh l-Awtorita` Marittima ta' Malta tkun tista' tithallas tal-kreditu taghha (dokumenti ittra "D").

Illi permezz ta' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Novembru 2003 gie ffissat l-Erbgha 18 ta' Frar 2004 bhala l-jum li fih kellu l-bejgh bl-irkant ta' din il-"boat" liema

bejgh kellu jsir f'Medserv Quay, Manoel Island, Gzira, liema digriet gie debitament notifikat lil Dr. Godfrey Gauci Maistre *nomine* (dokument ittra "E" u "F") u nhar l-1 ta' Dicembru 2003 l-Awtorita` Marittima ta' Malta prezentat rikors fl-atti tas-subbasta numru 52/2003 fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta vs Dr. Godfrey Gauci Maistre u P.L. Rose Sciberras bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Sableside Investments Limited" li permezz tieghu talbet lill-Qorti tawtorizzaha taghmel offerti *animo compensandi* fil-proceduri ta' dan il-bejgh in subasta (dokument ittra "G")

Illi dak inhar tat-18 ta' Frar 2004 dan il-bejgh in subbasta ta' din il-"boat" ma setax isir minhabba li skond kif iccertifika l-Ufficjal tal-Qorti Louis Muscat, tali bejgh ma setax isir minhabba li f'dik id-data il-*boat* ma kinetx tinsab fil-post li fiha kienet giet maqbuda meta gie ezegwit il-mandat ta' qbid, u dan kif jidher mir-rapport maghmul mill-ufficjal tal-qorti Louis Muscat (dokument ittra "F");

Illi permezz ta' rikors prezentat nhar it-2 ta' Marzu 2004 l-Awtorita` Marittima ta' Malta pprezentat rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu premettiet li:- b'digriet tat-12 ta' Jannar 2004 din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat il-bejgh in subbasta tad-dghajsa "Rosabelle" ghad-data tat-18 ta' Frar 2004 liema bejgh kellu isir f'Medserv Quay, Manoel Island u senjatament il-post minfejn inqabdet permezz tal-mandat ta' qbid numru 1587/2003 LM; illi dak inhar tas-subbasta l-Marixxall Louis Muscat informa lill-Avukat Dottor Franco Vassallo u l-Prokuratur Legali Christine Zarb Adami li meta mar iwahhal l-avviz lejliet ma sabx id-dghajsa fil-post u ghalhekk is-subasta kellha tigi posposta; illi *nonostante* dan id-Deputat Registratur Vincent Attard u l-Kreditur accedew fuq il-post u ndunaw illi d-dghajsa kienet fil-fatt tmexxiet ftit metri *oltre* r-recint tal-Medserv; illi minn ricerki li ghamel l-Avukat Dottor Franco Vassallo d-dghajsa kienet giet imcaqalqa fuq struzzjonijiet u hlas lil Manoel Island Yacht Yard li kien ghamel Dr. Godfrey Gauci Maistre, li jirrapprezenta lil Sable Invenstments Limited; u li dan sar

minghajr awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti bi skop li tigi sfrattata s-subbasta; u ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tordna li jittiehdu proceduri ta’ disprezz ta’ Qorti kontra l-imsemmija Dr. Godfrey Gauci Maistre (dokument ittra “H”);

Illi in forza tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-1 ta’ Marzu 2004, din l-Onorabbli Qorti wara li rat ir-rikors ta’ l-Awtorita` Marittima ta’ Malta ta’ l-24 ta’ Frar 2004 kif ukoll l-atti tas-subbasta numru 52/2003 imsemmija fl-istess rikors, partikolarment il-verbal datat 18 ta’ Frar 2004 laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat illi jittiehdu dawk is-sanzjonijiet kollha kontemplati fil-ligi kontra Dr. Godfrey Gauci Maistre LL.D.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenut Dr. Godfrey Gauci Maistre jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita` taghha *ai termini* ta’ l-**artikolu 997 tal-Kapitlou 12**;

2. Konsegwentement issib lil Dr. Godfrey Gauci Maistre hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` taghha *ai termini* ta’ l-istess artikolu;

3. Tikkundanna lil Dr. Godfrey Gauci Maistre ghall-pieni kontemplati mill-istess **artikolu 997 tal-Kapitolu 12;**

4. Tordna lil Dr. Godfrey Gauci Maistre sabiex *ai termini* tal-**artikolu 997 (2) tal-Kapitolu 12**, u fi zmien qasir u perentroju li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan sabiex jirritorna lura d-dghajsa *de quo* ghall-post minn fejn gew maqbuda;

5. U f’kaz li l-konvenut jonqos milli jaderixxi ruhu ma’ din l-ordni tal-Qorti fiz-zmien moghti lilu, din l-istess Onorabbli Qorti ghandha, *ai termini* tal-istess sub-inciz numru **2 tal-artikolu 997 tal-Kapitolu 12** tikkundanna lill-konvenut ihallas il-penali hemm kontemplati f’ammont li ghandu jigi ffissat mill-istess Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan u dan minghajr hsara ghal kull piena u/jew rimedju

iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li ghandha timponi fuq il-konvenut skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 28 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 25 ta’ Ottubru 2004 a fol. 30 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent qatt ma wera l-ebda disprezz lejn l-awtorita` ta’ din l-Qorti, la *ai termini* tal-**artikolu 997 tal-Kap.12** u lanqas taht ebda provediment iehor tal-ligi l-fatt allegat fih nnifsu ma jikkostitwix disprezz.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, l-oggett maqbud ma kienx jappartjeni lill-Awtorita` kreditrici izda lil terzi;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggett maqbud tnehha minn fejn kien gie maqbud wara theddid ta’ proceduri legali ghall-izgumbrament, l-ewwel minn Medserv Ltd. u wara minn MIDI u mill-Manoel Island Marina Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-oggett maqbud tnehha minn fejn kien gie maqbud ukoll sabiex jigi kkurat u ppreservat fl-interess tal-propretarju tieghu,

peress illi, u dan minghajr pregudizzju ghal (4) supra, ma kien ghadu qieghed jigi sorveljat;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 31 u 32 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm zewg (2) seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-konvenut, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josettte Demicoli, ix-xhieda kollha quddiemha prodott u d-dokumenti pprezentati.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Depasquale ghall-attur u Dr. Godfrey Gauci Maister bhala konvenut. Dr. Godfrey Gauci Maistre rrefera ghas-sentenza Citazzjoni Nru. 1331/1997 moghtija fis-16 ta' Gunju 2000 mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri fl-ismijiet "**Dr. Staines Patrick noe vs Dr. Gauci Maistre**". Il-Qorti ordnat lil Dr. Godfrey Gauci Maistre biex b'nota fi zmien ghoxrin (20) jum minn dan il-verbal jipprezenta kopja tal-istess. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-27 ta' Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi tajjeb li jigi rilevat illi l-kawza odjerna titratta dwar kawza ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Bhala tali taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** u dwar il-principji li jirregolaw l-istess istitut qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

Illi fl-istess sentenza giet citata d-decizjoni fl-ismijiet "**Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe**" (A.K. 28 ta' Jannar 1991) fejn inghad li tali artikoli huma ntizi sabiex:-

"*Tiddisponi li certi atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u tippreskrivi l-pieni li ghandhom jigu nflitti fuq min jinsab li jkun ikkommetta xi att minn dawk. F'dawn il-kazijiet il-ligi tispecifika l-pieni tac-canfira, tal-ammenda jew multa, jew tad-detenzjoni preskritti mill-Kodici Kriminali. Mill-premess jidher car li dan il-procediment huwa ta' indoli kriminali. Il-fatt li l-istess procediment gie introdott b' citazzjoni, cjoe` l-att li ordinarjament jintuza f'azzjonijiet civili, u ma jnehhi xejn minn natura kriminali. Ic-citazzjoni f' dan il-kaz m'hija xejn hlief it-tahrika ta' "l-akkuzat" biex jidher biex iwiegeb ghall-akkuza* ***(artikolu 998 tal-Kap 12)****.*"

Illi wkoll jinghad li l-procediment odjern huwa skond is-sentenza "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990):-

"*Stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita` tal-Qorti, biex tigi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja.*"

Illi ovvjament dawn ir-regolamenti huma mehtiega sabiex tinzamm l-ordni tant li l-Qorti fis-sentenza taghha **"Il-Qorti**

**vs George Galea"** (A.C. H.H. 14 ta' Marzu 1988. LXXII.ii.228) sostniet:-

*"li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta' hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor".*

Illi skond kif intqal fis-sentenza **"Dr. Louis Vella *proprio et nomine vs* Joseph Gatt"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2001) dan ifisser *"li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi u jinora l-ordnijiet li taghti il-Qorti'.*

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma li b'sentenza datata 9 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop nomine vs Dr. Godfrey Gauci Maestre et nomine" (Dok. "A") l-Awtorita' Marittima attrici giet kanonizzata kreditrici fl-ammont ta' Lm1,104.91 (€2,573.75). Jinghad li f'din il-kawza Dr. Godfrey Gauci Maestre kien qed jagixxi bhala kuratur deputat tas-socjeta' estera Sableside Investments Limited.

Illi wara hareg mandat esekuttiv ta' Qbid fl-istess ismijiet Numru 1587/2003LM (Dok. "B") fejn gie indikat li fl-24 ta' Settembru 2003 *"mill-vicinanzi ta' l-indirizz moghti Medserv Quay, Manwel Island"* gie esegwiet fuq il-*boat* bl-isem "Rosa Bella" u kopja tal-istess mandat inghatat lill Dr. Godfrey Gauci Maestre proprju u dan skond riferta (Dok. "C"). Fix-xhieda tieghu l-Marixxal Louis Muscat (14.03.2006) qal li l-*boat* kienet il-gewwa mill-grada tal-Medserv, wara l-kamra tas-*security*, fuq il-puntali fl-art u allura jidher li effettivament l-istess dghajsa kienet fil-Medserv Quay, Manwel Island u mhux mill-vicanzi ta' l-istess kif indikat fl-istess Mandat. Ma kien hemm ebda elevazzjoni tal-istess dghajsa u ma gie appuntat l-ebda konsinnatarju.

Illi wara sar rikors datat 9 ta' Ottubru 2003 fl-atti tas-Subbasta Numru 52/2003 sabiex l-istess *boat* tinbiegh in subasta (Dok."D") u li gie degretat fil-11 ta' Novembru 2003, liema rikors u digriet gew notifikati lill-konvenut

odjern personalment *ut sic* fit-18 ta' Frar 2004 (fol. 21) u dan meta l-istess subbasta kellha ssir fl-istess data tat-18 ta' Frar 2004 f'nofs in-nhar fil-Medserv Quay, Manoel Island, Gzira (fol. 20). Fl-1 ta' Dicembru 2003 (Dok. "G") sar rikors *animo compensandi* mill-Awtorita' Marittima li gie notifikat lill-konvenut din id-darba nomine fl-14 ta' Jannar 2004.

Illi skond kif indikat b'iskrizzjoni datata 18 ta' Frar 2004 il-bejgh in subasta tal-istess *boat* ma sarx peress li inghad li *l-boat* ma kenitx fil-post fejn kienet meta sar il-Mandat ta' Qbid u allura ma kienitx fil-post fejn kellha ssir is-subbasta skond l-istess digriet (fol. 24) u dan gie registrat mill-ufficjal tal-Qorti Vincent Attard fil-presenza ta' Dr. Joseph Camilleri ghall-kreditur u Dr. Godfrey Gauci Maestre ghad-debitur. F'dan il-kuntest Christopher Schembri ghall-Awtorita' jghid li f'Dicembru 1997 *il-boat* tnehhiet minn Marina Ta' Xbiex u inhadet fil-Medserv Quay Manoel Island u fid-data tas-subasta raw li l-boat kienet tinsab fil-vicinanzi tal-Medserv Quay, izda fil-Marina Yacht Yard, ghalkemm dan ma jissemmhiex fid-dokumentazzjoni tas-subbasta. Din il-Qorti thoss li l-post deskritt fir-riferta tal-Marixxal fl-istess mandat ta' qbid ma jirrizultax li huwa l-istess indikat fid-digriet tal-11 ta' Novembru 2003 u dan invista proprju tal-kliem uzat fid-dokumenti rispettivi li certament ma humiex l-istess.

Illi ssussegwentement jinghad li gie pprezentat rikors datat 24 ta' Frar 2004 (fol. 2 tal-process) (u mhux 2 ta' Marzu 2004) fejn proprju gie elenkat li l-istess subbasta fit-18 ta' Frar 2004 ma saritx peress lejliet l-istess subasta gew informati mill-Marixxal li l-avvizi ma setghux jitwahhlu ghaliex id-daghsja ma kenitx f'postha u s-subbasta kellha tigi posposta; l-ghada xorta wahda marru fuq il-post id-deputat Registratur Vincent Attard u l-Kreditur u sabu li l-istess dghajsa kienet tinsab ftit metri *oltre* r-recint tal-Medserv, u dan sar peress li l-konvenut kien hallas lil Manoel Island Yacht Yard sabiex id-dghajsa tigi mcaqalqa bl-iskop li jigi evitat il-bejgh tal-istess subbasta u b'digriet datat l-1 ta' Marzu 2004 l-Qorti awtorizzat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-istess konvenut odjern u

huwa fuq din biss li din il-Qorti ghandha allura taghti d-decizjoni taghha.

Illi b'hekk l-istess Awtorita' attrici qed tghid li l-konvenut huwa hati ta' disprezz ghaliex biddel il-posizzjoni ta' fejn kienet l-istess boat b'mod ma setghetx issir is-subbasta fit-18 ta' Frar 2004.

Illi mix-xhieda ta' Alfred Micallef, *Administration Manager Manoel Island Yachtyard* (11.11.2005) jghid li l-istess *boat* bejn il-31 ta' Ottubru 2003 sat-28 ta' Mejju 2004 kien fuq l-art fil-Manoel Island Yacht Yard u qabel din id-data kienet fil-Manoel Island Marina, liema post kien amministrat mill-Medserv u sussegwentement kulhadd gie zgumbrat minn hemm. Jirrizulta li fit-28 ta' Mejju 2004 dejjem fil-Manoel Island Yacht Yard id-dghajsa giet *secured* ma' *jetty* fuq il-moll sas-7 ta' Gunju 2004 u wara ma baqghetx izjed hemm. Christopher Schembri, l-Prokuratur Legali Christina Zarb Adami, u Dr. Joseph Camilleri jikkonfermaw li fid-data meta kellha ssir is-subbasta l-*boat* kienet ftit 'il boghod mill-Medserv Quay Manoel Island gjo Manoel Island Yacht Yard.

Illi mix-xhieda tal-Perit Godwin Borg (1.6.2006) konsulent tal-Medserv jghid li d-dghajsa kienet tpoggiet il-Medserv fuq struzzjonijiet tal-konvenut, izda jirrizulta li l-Medserv kellha ftehim mal-Midi Consortium sabiex sa certu zmien hija tohrog mill-istess ambjenti sabiex l-istess jigu okkupati mill-istess consortium u fil-fatt id-dghajjes li kien hemm kollha inhargu minn hemm. Fil-fatt hemm korrispondenza mmarkata Dok. "GB 1" sa Dok. "GB" fejn jirrizulta li l-konvenut kien mitlub diversi drabi sabiex inehhi l-*boat* minn hemm ghaliex b'effett mill-1 ta' April 2003 l-istess art kienet ser tigi okkupata mill-Midi Consortium. Effettivament jidher li dan sar biss zmien sew wara tant li fl-4 ta' Awissu 2003 id-dghajsa kienet ghadha hemm, u kien biss wara proceduri gudizzjarji li sar il-hlas tal-ammont dovut lill-Medserv (Dok. "GB 5") li l-istess dghajsa tnehhiet ghar-ragunijiet gja indikati.

Illi fil-fatt Pierre Balzan, direttur ta' Manoel Island Marina jghid li l-art fejn kien hemm il-Medserv giet f'idejn l-Midi

plc fis-sena 2002 u jixhed li meta hadu effettivament il-pussess tal-art kien hemm din id-dghajsa ezatt fuq il-moll u kienu insistew mal-konvenut sabiex inehhi l-istess dghajsa minn hemm peress li altrimenti kien ser ikollu ihallas kera ta' Lm100 kuljum u dan apparti li l-mod kif kienet l-istess dghajsa kienet qed tigrilha hsara (fol. 123). Jirrizulta car li saret insistenza u pressjoni konsiderevoli mal-konvenut sabiex din titnehha ghaliex minhabba fiha ma setghux joperaw tant li jinghad li l-istess xhud jghid li *"Dr. Gauci Maestre ma kellux alternattiva hlief li jnehhi l-boat ...."*

Illi *stante* n-natura penali tal-proceduri odjerni jirrizulta lil din il-Qorti li mill-kumpless tal-provi prodotti l-konvenut ma kellu ebda intenzjoni li jikser l-ordni tal-Qorti u jressaq id-dghajsa minn fejn kienet sabiex ma' ssirx is-subbasta u fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' adetti tal-Medserv Limited u tal-Midi Consortium, li l-istess konvenut, kien gie kostrett sabiex inehhi l-istess dghajsa mill-art li dak iz-zmien kienet amministrata mill-Medserv u dan peress li tali art kellha tigi fil-pussess tal-Midi p.l.c. jew socjetajiet adetti maghha b'effett mill-1 ta' April 2003, u sahanistra jidher li l-istess konvenut kien kostrett u taht pressjoni sabiex inehhi l-istess boat mill- Manoel Island Marina.

Illi jidher li apparti li fir-riferta tal-Marixxal datata 24 ta' Settembru 2003 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid premess ma giex indikat li l-istess boat kienet fil-Medserv Quay izda biss *"mill-vicinanzi ta' l-indirizz moghti Medserv Quay"*, mill-31 ta' Ottubru 2003 l-istess dghajsa giet impoggija f'post vicin Medserv Quay u cjoe' f'Manoel Island Yacht Yard (ftehim - Dok. "K 1" – fol. 73), u allura l-ispostament sar hafna qabel id-data ta' meta kellha ssir is-subasta fit-18 ta' Frar 2004, u tali data hija sahanistra qabel id-data tad-digriet tal-11 ta' Novembru 2003 li ffissat tali data tat-18 ta' Frar 2004 bhala d-data meta kellha ssir is-subbasta u dan kollu fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jindika u juri, flimkien mal-provi l-ohra fuq indikati, li l-konvenut ma kellu ebda intenzjoni **("Registratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charles Ellul"** – P.A. (JRM) – 30 ta' Jannar 2003) li jmur kontra l-ordni tal-Qorti u allura ma hemmx l-element ta' l-intenzjoni tal-konvenut li jikkometti disprezz billi jmur

kontra l-ordni tal-Qorti u jevita li ssir is-subasta u dan anke ghaliex fil-31 ta' Ottubru 2003 lanqas biss kienet iffissata data ghall-istess subbasta. **("Registratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima proprju et nomine"** – P. A (JRM) – 25 ta' Settembru 2003).

Illi tenut kont ta' dawn il-fatti u dati ma jirrizultax li kif hemm allegat fir-rikors indikat degretat fl-1 ta' Marzu 2004, li d-dghajsa kienet imcaqalqa mill-konvenut Dr. Godfrey Gauci Maestre (fejn jinghad li kien qed jagixxi ghas-socjeta' Sable Investments Limited – ghalkemm in-notifiki lanqas kienu hekk)  bl-iskop li tigi sfrattata s-subbasta. Jinghad ukoll li l-ezami tal-Qorti ghandu jigi limitat biss ghal dak li sehh sat-18 ta' Frar 2004 u dan in vista tad-digriet tal-Qorti datat l-1 ta' Marzu 2004 li konsegwenza tieghu saru dawn il-proceduri – wara rikors tal-Awtorita' Marittima datat 24 ta' Frar 2004 (mhux 2 ta' Marzu 2004) kif jidher mill-atti tas-subbasta relattiva, li kien qed jilmenta proprju fuq dak li allegatament gara fit-18 ta' Frar 2004 u *se mai* fil-granet qabel din id-data.

Illi dan qed jinghad apparti dak li gie deciz fid-decizjoni **"Patrick Staines nomine vs l-Avukat Godfrey Guaci Maestre nomine"** (P.A. (GC) – 16 ta' Gunju 2000) fejn inghad is-segwenti fil-kuntest ta' mandat ta' qbid u cjoe' li:-

*"Hemm diversi provedimenti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jittrattaw dwar mandati ta' qbid kemm kawtelatorji kif ukoll esekuttivi. Dawn il-provedimenti jipprovdu ghal diversi sanzjonijiet u ghal diversi konsegwenzi legali meta jkun effettivament mahtur konsenjatarju. Dawn l-istess sanzjonijiet u konsegwenzi, pero' ma japplikawx meta ma jkunx gie nominat konsinjatarju, cjoe' bhal fil-kaz in ezami. F'dan il-kaz l-oggetti li gew maqbuda thallew fil-pussess tad-debitur u jidher li ma hemm l-ebda obbligu naxxenti mill-ligi, li l-oggetti maqbuda ghandhom jibqghu f'idejn il-persuna li ghandha l-oggetti fil-mument tal-esekuzzjoni tal-mandat. Fid-dawl ta' dan kollu s-socjeta' intimata* (li gie allegat nehhiet l-oggetti minn fejn inqabdu go fabbrika) *ma tista' qatt tinstab hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti".*

Illi jinghad ukoll li skond l-**artikolu 284** *"il-mandat ta' qbid ta' hwejjeg mobbli, ghandu jkun fih l-ordni lill-marixxal li jaqbad* *minghand id-debitur, rahan* *li jiswa daqs is-somma mitluba mill-kreditur, jew li jaqbad il-haga msemmija fit-titolu li bis-sahha tieghu ssir l-esekuzzjoni".*

Illi fil-kaz partikolari jinghad li l-oggetti u cjoe' d-dghajsa li giet maqbuda permezz ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ma kienitx ghand id-debitur (li hija s-socjeta' Sableside Investments Limited) izda din kienet ghand terza persuna u cjoe' l-entita' Medserv u allura *se mai* kienet l-istess entita' li kellha pussess tal-istess dghajsa, ghalkemm jinghad li tali mandat ta' qbid skond il-ligi seta' jinhareg biss u jigi esegwiet ghall-oggetti fil-pussess tad-debitur stess – li ovvjament mhux il-kaz odjern.

Illi mhux hekk biss izda jinghad ukoll li l-istess artikolu jaghmel riferenza li l-Marixxal jaqbad oggett bhala rahan u dan isehh biss f'kaz ta' mobbli bil-konsinna tal-haga lill-kreditur **(artikolu 1965 tal-Kap. 16)**, haga li ovvjament ma saritx f'dan il-kaz lanqas bin-nomina ta' konsinnatarju taht id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 291 u 292 tal-Kap. 12** u l-ahhar sentenza citata ghandha tinqara fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi wkoll.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------